**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 15/13(28_02_13).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Frar 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri – Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-22 ta' Frar 2013.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Estimi Finanzjarji 2013.
6. Laqgħa tal-Lokalita' 2013.
7. Offerti MXR/005/2012 – Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
8. Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
9. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
10. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
11. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
12. Rapport tas-Sindku.
13. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
14. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
15. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 4/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Avviż Legali 119/2002 (L.S. 441 04) – Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 5/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Elezzjoni Ġenerali / Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 9 ta' Marzu 2013. L-Uffiċċji Amministrattivi tar-Reġjuni u tal-Kunsilli Lokali għandhom jinżammu magħluqa'.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MIEMA (The Malta Intelligent Energy Management Agency) rigward 'Grants for Energy Efficiency'.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Tourism & Sustainable Development Unit fi ħdan il-Ministeru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent rigward il-'LIFE+ Call for Proposals'.

2.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-MCAST rigward l-'MCAST March 2013 Part-Time Courses brochure'.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Is-Sena Ewropea għaċ-Ċittadini 2013'.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' l-'Information Brief on the Management Planning & Implementation of Communication Measures for Terrestrial Natura 2000 sites in the Maltese Islands'.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Malta Tourism Authority kopja tal-'European Destinations of Excellence – Accessible Tourism – Guidelines'.

2.09 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Knisja Parrokkjali tal-Qala għall-Gozo International Celebration – Easter Edition bit-tema 'Thy Will be Done', fis-16 ta' Marzu 2013.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-TCTC Managing Director rigward il-proposta tagħhom sabiex jiġu organizzati IKIDS Computer Courses fil-lokalita' fis-Sajf 2013.

2.11 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Kunsill Lokali San Lawrenz għall-inawgurazzjoni tal-PANACEA Environmental Education Centre fid-Dwejra, fil-5 ta' Marzu 2013.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill ipprepara kuntratt rigward ix-xogħol ta' Public Private Partnership fuq Toroq. Dan ġie ppreparat mill-Avukat Mario Scerri fejn ser jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. L-Avukat ta l-parir li peress li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser joħroġ somma sostanzjali jew aħjar 75% tax-xogħlijiet, id-Dipartiment għandu jidħol fil-kuntratt. Is-Sindku ċċekkja mad-Dipartiment u informawh li s-soltu ssir *commitment letter* biss.

3.02 Il-Kunsill irċieva stedina sabiex jattendi għall-varar tal-benefiċarji tal-iskema ta' Finanzjament għall-Attivitajiet Kulturali (Memo 38/2012 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012-2013). Il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €1,500 sabiex isir Eku mill-Munxar…dari u llum – Ġimgħa għall-Familja.

3.03 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi rċieva stedina sabiex jattendi għall-varar tal-benefiċarji tal-iskema ta' Finanzjament għall-Attivitajiet Kulturali (Memo 38/2012 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012-2013). Il-Kumitat ser jingħata s-somma ta' €1,500 sabiex isir Kalendarju ta' Attivitajiet – Ix-Xlendi.

3.04 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA rigward is-smiegħ tal-Planning Control li ser tiddeċiedi dwar PC 0010/10 To establish zoning, building heights and street alignments of Rationalisation Exercise Site, site at Ta' Rinota, Munxar, Gozo. Din ġiet diskussa llum, 28 ta' Frar 2013 u ġiet approvata.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq il-Munxar, fejn qed tilmenta dwar *speed* eċċessiv li t-traffiku qed jgħaddi bih minn din it-triq u dan peress li t-triq ta' Fontana tinsab magħluqa. Ġieli xi *pets* ġew imtajra mill-karozzi u hemm il-periklu li jistgħu jittajru xi persuni. Din il-persuna qed tissuġġerixxi li ssir *speed bump* anke' jekk proviżorja. Il-Kunsill ma jaqbilx u minflok ser jagħmel sinjali mal-art bħala twissija lill-vetturi.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Proprjeta' tal-Gvern rigward talba mingħand The Boathouse Restaurant sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet quddiem u maġenb ir-*restaurant*. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.07 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex jirranġa l-passaġġ li jwassal għall-Għar ta' Karolina, Ix-Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li din l-applikazzjoni ġiet irtirata.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Għaqda Inħobbu l-Munxar u x-Xlendi fejn qed jinformaw lill-Kunsill li ser iwaħħlu 10 *Information Panels* fil-Munxar u Ix-Xlendi bħala parti mill-proġett iffinanzjat minn Eco-Gozo. Ma' l-ittra hemm pjanta fejn qed ikun immarkat fejn ser jitwaħħlu dawn l-*Information Boards*. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident fi Triq il-Biżantini, Ix-Xlendi. Din qed titlob li l-bozza li hemm preżentament tinbidel ma' waħda turi aktar u terġa' titwaħħal dik il-lampa li kienet inqalet minn hemm. Qed titlob ukoll sabiex jerġa' jitwaħħal dak l-isem tat-triq.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 15/13(28_02_13).

**5.00 Estimi Finanzjarji 2013.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2013. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2013 għall-Kunsill tal-Munxar ser tkun €211,743 li minnhom hemm €90,504 li huma allokazzjoni għax-Xlendi. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €1,500 li minnhom hemm €600 mix-Xlendi. Emoljumenti personali għas-sena sħiħa ser ikunu €61,452 li minnhom hemm €27,057 għax-Xlendi. Qed isir estimu ta' €149,435 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €62,867 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi.

**6.00 Laqgħa tal-Lokalita’ 2013.**

6.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-laqgħa tal-lokalita’ li trid issir fil-bidu tas-Sena Finanzjarja. Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalita’ għar-residenti tal-Munxar issir nhar it-Tnejn, 25 ta’ Marzu 2013 fil-5.30 ta’ filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill filwaqt li dik għar-residenti tax-Xlendi ssir nhar it-Tnejn, 25 ta’ Marzu 2013 fis-6.30 ta’ filgħaxija fil-Lukanda St. Patrick’s.

**7.00 Offerti MXR/005/2012 – Xogħol ta’ Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.**

7.01 Wara li l-Kuntratturi ġew mgħarrfa b’ min rebaħ l-offerta, il-Kuntrattur Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. għamel oġġezzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti u għaldaqstant din l-offerta hija *on hold* sakemm id-Dipartiment tal-Kuntratti jaħtar Bord u jevalwa l-oġġezzjoni.

**8.00 Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

8.01 Ix-xogħol bħalissa huwa għaddej b’ ritmu mgħaġġel u huwa kkalkulat li x-xogħol jitlesta skont id-*deadlines* li ġew iffirmati mal-Kuntratturi.

**9.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

9.01 Is-*Surveyor* għamel *survey* dwar il-livelli eżistenti u għaddihom lill-Perit Samuel Formosa. Bħalissa, il-Perit qed jaħdem fuq dawn il-livelli u meta jkun lest, il-Kuntrattur ikun jista’ jibda.

**10.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

10.01 Bħalissa l-Kuntrattur qed jistenna l-permessi mingħand Transport Malta. X’ ħin dawn il-permessi jingħataw, il-Kunsill jiffirma l-Kuntratt mal-Kuntrattur.

**11.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita’.**

11.01 Bħalissa qed isir xogħol ta’ manutenzjoni ta’ rutina fuq tabelli, toroq u bankini.

**12.00 Rapport tas-Sindku.**

12.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien ser japplika għall-Premju European Destination of Excellence. Ser jinkludi Ġnien Ragalna u l-pavimentar li sar fi Triq ix-Xatt.

12.02 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa tar-Reġjun. F’ din il-laqgħa ġie deċiż li ssir laqgħa mad-Direttur għall-Gvern Lokali rigward il-finanzjament tar-Reġjun.

12.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Sid l-Istabbiliment C7 taqqab toqba fil-bankina u qata’ l-*cable* li kien jixgħel il-fanali. Huwa ntalab diversi drabi sabiex jirranġa l-ħsara iżda għalkemm qed jgħid li ser jirranġa l-ħsara, għadhu ma rranġa xejn. Jekk ser jibqa’ ma jirranġax ma jibqax triq oħra ħlief li jsir rapport lill-Pulizija iżda qabel isir dan, nerġgħu nkellmuh.

## 13.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

13.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* għas-sena 2012. Dawn ser jintbagħtu lill-Awdituri sabiex ikunu ċċekkjati u vverifikati. Dawn ġew approvati.

13.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tal-*costings* tal-Public Private Partnership fuq toroq:

| | | |
|---|---|---|
| Triq il-Kavallieri | € 81,053.23 | Stima tal-Perit Saliba |
| Triq Ta' Rinota/l-Andrijiet | € 63,198.40 | Stima tal-Perit Saliba |
| Triq ir-Rumani | € 146,640.85 | Stima tal-Perit Saliba |
| Total: | € 290,892.48 | |
| Invoice lid-Dipartiment | € 240,219.93 | |
| | € 50,672.55 | Ammonti Pendenti li ser jitħallsu mill-Kunsill |
| WSC works | € 9,297.00 | Ser jitħallas mill-Kunsill |
| | € 59,969.55 | |

Gatt Tarmac Ltd. ser jirċievi mill-WSC is-somma ta' €6,312.00

Peress li minn naħa tal-Kunsill irid iħallas is-somma ta' €50,672.55 il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dawn jitħallsu sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta jinbdew ix-xogħlijiet f' żewġ pagamenti ugwali, wieħed fl-ewwel sena u t-tieni pagament fit-tieni sena. Wara t-terminu ta' sentejn, jekk il-ħlas ma jsirx, jiżdiedu l-interessi bit-8 fil-mija sad-data tal-pagament effettiv.

13.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ħadem stima sabiex Triq Bardan tinkesa bil-*concrete*:

| | |
|---|---|
| Twittija bil-Gaffa | - € 500.00 |
| Xibka tal-Art | - €1,184.25 |
| *Dumper* 15hrs @ €15 | - € 225.00 |
| *Concrete* | |
| Gatt Tarmac Ltd. 19m$^3$ @ €58 | - €1,102.00 |
| Road Construction Co. Ltd. 18m$^3$ @ €60.11 | - €1,081.98 |
| P&J Debono Cons. Ltd. 18m$^3$ @ €64.31 | - €1,157.58 |
| | €5,250.81 |

Il-Kunsill ser jipprova li dan ix-xogħol isir mill-Ministeru għal Għawdex.

**14.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

14.01 Is-Sur Ryan Debrincat semma li issa li Triq Bardan inksiet bil-*concrete* mill-Ministeru għal Għawdex, hemm bżonn li jinbena ċint ma' kull naħa tat-triq sabiex jiġi evitat il-periklu għall-vetturi.

14.02 Is-Sur Ryan Debrincat fakkar dwar it-tranġar tal-bankina ta' Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina. Is-Sindku informah li ser issir mill-*handyman*.

14.03 Is-Sur Robert Mallia staqsa dwar dawk l-arbli li saru fi Triq ta' Marżiena u fi Triq il-Munxar. Huwa ġie informat li dawn saru mill-Għaqda tal-Armar u tittella' bandiera fi ġranet pubbliċi ta' xi qaddis u fil-festa tal-Munxar.

14.04 Is-Sur Saviour Spiteri talab sabiex *double yellow lines* fi Triq San Pawl jitneħħew peress li Sid il-post ikun irid jipparkja l-vettura tiegħu. Kien hemm qbil dwar dan.

**15.00 Materji oħra.**

15.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2013, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***